# 271. Devota Qalbiena

Kien ili siegħa
naraha żżiġġ
bejn il-kolonni
u terġa tfiġġ,

Lejn l-artal sejra
minn artal ġejja,
il-Via Sagra
żżur għarkopptejha,

Tbus kurċifissi,
u tbus il-vari,
u tbus it-taraġ
quddiem l-altari;

Kuruna żebbġet
xi tliet darbiet;
ġakulatorji
mijiet mijiet!

Kien ili siegħa
naraha żżiġġ
bejn il-kolonni
u terġa tfiġġ,

Sa fl-aħħar ħarġet,
u ħdejn il-vara
tal-bieb ta' barra
lemħet il-ġara;

Malajr ta' Peppa
il-fatt sparat,
kif jumejn ilu
id-dar mandat

għamlulha; żewġha
mimli bid-dejn;
kif qalet, għandu
flok mara tnejn.

Telqet, u t-tifel
lemħet ta' Serra,
u qaltlu b'leħen
qalil tal-herra

Għaliex lil binha
sawwat darbtejn,
heddet taqlagħlu
għajnejh it-tnejn.

U kompliet miexja,
tgħid fuq in-nies
mat-triq, u tħabbar
ħin il-quddies.

Kif id-dar waslet
mar-raġel ġlieda,
għajritu b’ommu,
li għalgħarrieda

Mietet, u sobtu
mingħajr qassis,
Alla ħallasha
ta’ tant tnassis.

Kielet u reġgħet
libset l-għonnella,
insiet tinvista
ta’ taħt l-arzella;

u erġajt rajtha
iżżiġġ iżżiġġ
bejn il-kolonni,
u terġa’ tfiġġ,

żigżag ġol-knisja
għamlet disinn,
bid-devozzjoni
ilsienha ssinn.

U ammirajtha
bla tarf, bla qies,
kif hija tiekol
l-unur tan-nies

Mad-devozzjoni
qisu kumpnaġġ;
imbierek Alla!
X’kuraġġ, x’kuraġġ!